

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

P9_TA(2021)0391

Is-sitwazzjoni fil-kamp tar-rifuġjati ta' Kakuma fil-Kenja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-kamp tar-rifuġjati ta' Kakuma fil-Kenja (2021/2874(RSP))

(2022/C 117/12)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Kenja, b'mod partikolari dawk tat-30 ta' April 2015 ⁽¹⁾ u tat-18 ta' Mejju 2017 dwar il-kamp tar-rifuġjati ta' Dadaab ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar Strateġija ġdida UE-Afrika – sħubija għal żvilupp sostenibbli u inklużiv ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-21 ta' Ġunju 2021 tar-Repubblika tal-Kenja u l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fisem l-UE dwar il-Jum Internazzjonali kontra l-Omofobija, it-Transfobija u l-Bifobija, 17 ta' Mejju 2021,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar is-sitwazzjoni tal-persuni LGBTI fl-Uganda ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2021 intitolata "Il-Qarn tal-Afrika: prijorità ġeostrateġika għall-UE",
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tad-29 ta' April 2021 tal-Gvern tal-Kenja u l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR): Il-Pjan Direzzjonali ta' Dadaab u tal-Kampijiet tar-Rifuġjati ta' Kakuma,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-UNHCR tal-25 ta' Marzu 2021 dwar is-sitwazzjoni tar-rifuġjati LGBTIQ+ fil-kamp ta' Kakuma,
- wara li kkunsidra l-messaġġ tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tas-17 ta' Mejju 2021 dwar il-Jum Internazzjonali kontra l-Omofobija, il-Bifobija u t-Transfobija,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(5), 21, 24, 29 u 31 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 10 u 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jimpenjaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha li, fir-relazzjonijiet tagħhom mad-dinja inġenerali, jiddefendu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem universali u l-protezzjoni tal-individwi, u li jadottaw miżuri restrittivi fil-każ ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem,
- wara li kkunsidra l-valuri tad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u s-solidarjetà li jinsabu fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 14 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, li jirrikonoxxi d-dritt ta' tiftix ta' ažiż minn persekuzzjoni f'pajjiżi oħra,
- wara li kkunsidra l-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika (EUTF għall-Afrika),

⁽¹⁾ ĠU C 346, 21.9.2016, p. 51.

⁽²⁾ ĠU C 307, 30.8.2018, p. 131.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2021)0108.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0042.

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-1984,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Marzu 2020 intitolata "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024" (JOIN(2020)0005),
 - wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli (ACHPR),
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Qafas ta' Rispons Komprensiv tal-UNHCR għar-Rifuġjati,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Qorti Superjuri tal-Kenja tat-8 ta' April 2021 li timblokka temporanjament l-għeluq tal-kampijiet tar-rifuġjati ta' Dadaab u Kakuma,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2020 dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2020)0609),
 - wara li kkunsidra l-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Rifuġjati,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kenja tospita t-tieni l-akbar numru ta' rifuġjati u persuni li jfittxu ażil fl-Afrika, wara l-Etjopja; billi, skont il-UNHCR, mill-31 ta' Mejju 2021 il-popolazzjoni tar-rifuġjati u persuni li jfittxu ażil fil-Kenja hija ta' 519 989 ruħ f'Kakuma, f'Dadaab u f'żoni urbani;
- B. billi l-kamp ta' Kakuma jinsab fil-kontea ta' Turkana, waħda mill-ifqar kontej fil-Kenja; billi, skont il-UNHCR, il-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-kamp huma ħżiena u qegħdin jiddeterjoraw kontinwament, b'faqar estrem, djar u infrastruttura ħżiena u nuqqas ta' ilma, sanità, mediċini u provvisti tal-elettriku; billi kemm il-popolazzjoni lokali kif ukoll ir-rifuġjati qegħdin isofru minn nuqqas kbir ta' ikel u ilma u nuqqas ta' ħtiġijiet bażiċi; billi l-pandemija tal-COVID-19 aggravat is-sitwazzjoni umanitarja diġà allarmanti fil-kamp u fil-kontea fejn jinsab;
- C. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fil-kamp tar-rifuġjati ta' Kakuma fil-Kenja ddeterjorat b'mod esponenzjali; billi s-serq bl-użu ta' armi, is-serq, l-istupri u l-qtil spiss jiġu rrapportati, bin-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabilità u l-persuni LGBTIQ+ ikunu l-aktar vulnerabbli għall-vjolenza; billi dawn l-attakki bħalissa qegħdin jiġu investigati;
- D. billi n-nisa u l-bniet fil-kamp huma soġġetti għal forom differenti ta' vjolenza sesswali, partikolarment l-istupru; billi r-rifuġjati nisa, il-wasliet ġodda u n-nisa waħedhom li jkunu kapijiet ta' unità domestika huma partikolarment friskju; billi l-istupru jitwettaq minn rifuġjati rġiel mill-kamp, membri tal-komunità lokali, u/jew mill-gwardji tas-sigurtà; billi huma komuni wkoll forom oħra ta' vjolenza bħaż-żwieġ tat-tfal u ż-żwieġ furzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-vjolenza minn sieħeb intimu;
- E. billi fil-15 ta' Marzu 2021, f'Kakuma 3 Blokk 13, żewġ rifuġjati sofwew ħruq tat-tieni grad waqt attakk bi ħruq doluż b'bomba tal-petrol waqt li kienu reqdin; billi waħda mill-vittmi, ir-rifuġjat Ugandiż Chriton Atuhwera, miet minħabba l-korrimenti li sofrat; billi għadd dejjem akbar ta' rifuġjati LGBTIQ+ sfaw attakkati u midruba, b'ħafna minnhom ikollhom jaħarbu mill-kamp tar-rifuġjati lejn żona fejn mhumiex protetti u ma jitħallew joqogħdu legalment;
- F. billi għalkemm il-liġi tal-Kenja tikkastiga relazzjonijiet kunsenswali bejn persuni tal-istess ġeneru b'massimu ta' 14-il sena ħabs, huwa l-uniku pajjiż fir-reġjun li jaċċetta r-rifuġjati abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru; billi, skont l-UNHCR, madwar 300 rifuġjat u persuna li qegħdin ifittxu ażil irregiſtraw fil-kamp tar-rifuġjati ta' Kakuma għandhom profil ta' LGBTIQ+, bil-parti l-kbira minnhom irrapportaw li qegħdin jgħixu b'mod paċifiku fil-komunità ta' Kakuma;

⁽⁵⁾ ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

- G. billi, skont ir-rieżami globali tal-2020 tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Persuni Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transesswali u Intersesswali (ILGA), kważi nofs il-pajjiżi madwar id-dinja fejn l-omosesswalità hija illegali jinsabu fl-Afrika; billi 22 biss minn 54 nazzjon Afrikan illegalizzaw l-omosesswalità;
- H. billi f'ħafna nazzjonijiet Afrikani l-liġijiet fis-seħħ kontra l-LGBTIQ+ imorru lura għall-era kolonjali;
- I. billi f'Marzu 2020 xi rifuġjati bi profili ta' LGBTIQ+ talbu lill-UNHCR jirrilokahom barra mill-Kenja bħala riżultat tal-ostilità tal-pajjiż lejhom; billi matul dawn l-aħħar ftit xhur aktar minn 30 persuna LGBTIQ+ ġew rilokati mill-parti Kakuma 3 tal-kamp lejn partijiet oħra abbażi tat-tħassib dwar is-sikurezza li qajmu u wara valutazzjoni bir-reqqa mill-UNHCR fuq il-post; billi l-mandat tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill talab li jsiru sforzi matul iż-żmien biex tinkiseb distribuzzjoni ġusta ta' persuni risistemati fost l-Istati Membri, u li daww l-isforzi għandhom jingħaqdu ma' sforzi biex jiġu stabbiliti regoli vinkolanti internazzjonali rigward ir-responsabbiltà kondiviża internazzjonali biex jiġu risistemati persuni li għandhom bżonn risistemazzjoni kif indikat mill-UNHCR;
- J. billi f'Novembru 2020 il-Gvern tal-Kenja u l-Human Rights Watch ikkonfermaw li l-era tal-COVID-19 esperjenzat żieda esponenzjali l-attakki fuq il-persuni LGBTIQ+, minkejja li l-vjolenza żdiedet ħafna b'mod aktar ġenerali;
- K. billi t-tluq ta' risistemazzjoni ta' persuni LGBTIQ+ mill-kampijiet ta' rifuġjati tal-Kenja għadu ma jissodisfax il-ħtiġijiet reali; billi l-pandemija tal-COVID-19 naqqset ir-ritmu tal-proċess; billi, skont il-UNHCR, mill-2019 'l hawn madwar 235 rifuġjat b'dan il-profil ġew ippreżentati għar-risistemazzjoni, li minnhom 48 % telqu mill-pajjiż;
- L. billi, minkejja l-fatt li l-UNHCR u s-sħab tiegħu kienu ħejjew faċilitajiet ta' rispons għall-pandemija, 65 % tar-rifuġjati bbażati fil-kampijiet irrapportaw inqas aċċess għall-faċilitajiet tas-saħħa wara t-tifqigħa meta mqabbla ma' qabel it-tifqigħa f'Marzu 2020, prinċipalment minħabba l-biża' ta' infezzjoni u n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-persunal mediku; billi 3 % biss tal-popolazzjoni tal-Kenja hija kompletament imlaqqa kontra l-COVID-19; billi l-kampanja ta' tilqim fil-kampijiet tar-rifuġjati tal-Kenja bdiet fit-30 ta' Marzu 2021, u l-kamp ta' Kakuma ġie allokat 2 000 doża ta' vaċċini;
- M. billi l-Gvern tal-Kenja għamel diversi tentattivi biex jagħlaq il-kamp f'dawn l-aħħar deċennji; billi fl-24 ta' Marzu 2021, il-ministru għall-intern tal-Kenja ta ultimatum ta' 14-il jum lill-UNHCR biex ifassal pjan għall-għeluq kemm tal-kampijiet ta' Dadaab kif ukoll ta' Kakuma; billi fit-8 ta' April 2021, il-Qorti Superjuri tal-Kenja pposponiet temporanjament l-għeluq għal 30 jum; billi, fid-29 ta' April 2021, il-UNHCR u l-Gvern tal-Kenja qablu dwar pjan direzzjonali għal għeluq aktar tard tal-kampijiet ta' Kakuma u Dadaab sat-30 ta' Ġunju 2022; billi l-pjan direzzjonali jinkludi r-ritorn volontarju għar-rifuġjati lejn il-pajjiżi ta' orġini tagħhom b'mod sikur u dinjituż, it-tluq lejn pajjiżi terzi skont diversi arranġamenti u għażliet alternattivi ta' soġġorn fil-Kenja għal ċerti rifuġjati minn pajjiżi tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC);
- N. billi, filwaqt li n-NU rrikonoxxew it-tħassib tal-gvern u rrikonoxxew li l-kampijiet tar-rifuġjati m'għandhomx ikunu soluzzjonijiet fit-tul għal spostament furzat, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem wisew li għeluq f'daqqa u diżordinat iwassal għal katastrofi umanitarja u li r-ripatrijazzjonijiet furzati jiksru d-dritt internazzjonali; billi r-rifuġjati f'Kakuma ġeneralment jgħixu bil-biża' li jiġu deportati;
- O. billi, minkejja riżorsi naturali vasti, il-Qarn tal-Afrika huwa wieħed mill-ifqar reġjuni tad-dinja; billi s-sigurtà tal-ikel hija prekarja ħafna u miljuni ta' persuni li jgħixu fir-reġjun jsofru malnutrizzjoni u jinsabu f'riskju ta' karestija; billi n-nixfa u l-kunflitti armati huma ż-żewġ raġunijiet ewlenin għall-ispostament ta' persuni fir-reġjun, inkluż fil-Kenja, kif enfazzzjat mill-Pjan ta' Azzjoni Globali ta' Nairobi adottat fis-summit tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) fis-26 ta' Marzu 2017; billi kunflitti bħal daww fis-Somalja u fl-Etjopja, u l-vjolenza ta' qabel u wara l-elezzjoni fl-Uganda u fit-Tanzanja, iwasslu biex ir-ritorn volontarju ma jkunx ġustifikabbli għal raġunijiet ta' sikurezza u dinjità għall-maġġoranza tar-rifuġjati fil-kamp ta' Kakuma; billi, sa mill-aħħar tal-2019, il-Kenja ntaqtet minn taħlita ta' theddid bla preċedent u ġiet affettwata b'mod sever mit-tibdil fil-klima, bl-akbar invażjoni ta' ġurad tad-deżert f'dawn l-aħħar 60 sena, għargħar li kkaratterizzaw l-istaġuni tax-xita u l-miżuri ta' restrizzjoni tal-COVID-19;

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

- P. billi l-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika (EUTF), iffirmat waqt is-summit ta' Valletta fit-12 ta' Novembru 2015, kien imfassal biex jindirizza l-kawżi bażiċi tad-destabbilizzazzjoni, l-ispostament furzat tal-popolazzjonijiet u l-migrazzjoni irregolari billi jiġu promossi r-reżiljenza, l-oportunitajiet ekonomiċi, l-oportunitajiet indaqs, is-sigurtà u l-iżvilupp; billi l-UE qiegħda tirreaġixxi għall-bżonnijiet bażiċi li jsalvaw il-ħajja tar-rifuġjati ospitati f'kampijiet tar-rifuġjati fil-Kenja; billi l-Fond Fiduċjarju tal-Unjoni għall-Afrika huwa stabbilit fi ħdan l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), u jrid ikun allinjat mal-oġettiv primarju tal-politika ta' żvilupp tal-UE, li jibqa' "l-ġlieda kontra l-faqar";
- Q. billi mill-2012 l-UE pprovdiet aktar minn EUR 200 miljun f'għajjn umanitarja u allokati EUR 286 miljun permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-perjodu 2014-2020, b'enfasi fuq il-ħolqien tal-impjiegi, is-sigurtà tal-ikel, ir-reżiljenza u l-bini tal-istituzzjonijiet, u l-edukazzjoni b'mod partikolari; billi l-persuni Kenjani applikanti għall-ażil jiddependu totalment fuq l-appoġġ umanitarju għall-ħtiġijiet bażiċi tagħhom; billi l-NDICI l-ġdid – l-istrument finanzjarju Ewropa Globali ser ikompli l-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE fil-Kenja;
- R. billi fl-2021 l-UE allokati EUR 15-il miljun f'finanzjament għal proġetti umanitarji fil-Kenja, bl-għan li l-ewwel nett tassisti lir-rifuġjati u, mill-2016, EUR 45 miljun għar-rifuġjati u l-komunitajiet ospitanti fil-Kenja skont il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika; billi fil-kampijiet tar-rifuġjati ta' Kakuma u Dadaab, l-UE tkompli tappoġġa l-għoti ta' għajjnuna bażika li ssalva l-ħajjiet, bħall-għajjnuna alimentari, il-kura tas-saħħa, it-trattament tad-denutrizzjoni, l-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH), il-protezzjoni u l-edukazzjoni;
1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni umanitarja u r-rapporti ta' vjolenza fit-tul fil-kamp ta' Kakuma; jikkundanna bil-qawwa l-attakk bi ħruq doliż permezz ta' bomba bil-petrol imwettaq fi-15 ta' Marzu 2021 fil-kamp tar-rifuġjati ta' Kakuma 3 kontra żewġ refuġjati LGBTIQ+; jinsab imħasseb ħafna dwar it-theddid kostanti fil-kamp tar-rifuġjati ta' Kakuma kontra persuni LGBTIQ+; ifakkar li f'dawn l-aħħar f'it xhur ġew rilokati b'urġenza aktar minn 30 individwu;
 2. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Kenjani jkomplu jinvestigaw u jiċċaraw bis-sħiħ dan ir-reat u biex daww responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom skont il-liġi Kenjana u skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;
 3. Jirrikonoxxi r-rwol importanti u kostruttiv tal-Kenja u jfakkar fis-sitwazzjoni reġjonali ta' sfida, li hija kkaratterizzata minn kriżijiet u konflitti reġjonali; jirrikonoxxi l-importanza tal-kamp tar-rifuġjati ta' Kakuma għal eluf ta' rifuġjati u applikanti għall-ażil fir-reġjuni konfinanti tal-Kenja, inklużi daww l-aktar vulnerabbli fosthom, b'mod partikolari l-persuni LGBTIQ+, li jiffaċċjaw il-kriminalizzazzjoni u saħansitra l-piena tal-mewt fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom;
 4. Ifaħħar il-ħidma kollaborattiva li saret matul is-snin bejn is-Segretarjat tal-Affarijiet tar-Rifuġjati (RAS) tal-Kenja, il-UNHCR u sħab oħra fl-indirizzar tal-protezzjoni tar-rifuġjati kollha; jisħaq, madankollu, li s-sitwazzjoni attwali fil-kamp ta' Kakuma mhijiex sostenibbli f'perspettiva fit-tul u tirrikjedi rispons effiċjenti u koordinat mill-Gvern Kenjan, il-gvernijiet tar-reġjun u mill-komunità internazzjonali kollha kemm hi, inkluża l-UE; jieħu nota tal-adozzjoni reċenti tal-Pjan Direzzjonali għall-Kampijiet tar-Rifuġjati ta' Dadaab u Kakuma f'dan ir-rigward;
 5. Jistieden lill-Gvern Kenjan iżomm il-kampijiet tar-rifuġjati ta' Kakuma u Dadaab, tal-anqas sakemm is-sitwazzjoni fir-reġjun tistabbilizza ruħha; ihegġegħ lill-Gvern Kenjan jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem tar-rifuġjati jiġu rispettati meta jieħu kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċernahom; jisħaq fuq il-fatt li l-assistenza finanzjarja tal-UE lil pajjiżi terzi għall-akkoljenza tar-rifuġjati m'għandhiex tissostitwixxi r-responsabilità tal-UE li tospita u toffri sistemazzjoni ġdida lil sehem ġust ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali;
 6. Jistieden lill-Gvern Kenjan, lill-UNHCR u lill-komunità internazzjonali biex jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien u jsibu soluzzjonijiet alternattivi, dejjiema, xierqa u bbażati fuq id-drittijiet li jkunu konformi mal-prinċipji u l-għanijiet tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà tal-Patt Globali dwar ir-Refuġjati (GCR); jirrakkomanda li, sabiex ikun effettiv, dan għandu jinkludi r-risistemazzjoni fl-UE għal għadd sinifikanti ta' rifuġjati li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali;
 7. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal approċċ reġjonali aktar integrat u komprensiv għall-ġestjoni tar-rifuġjati u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-Kenja u l-pajjiżi ġirien tagħha dwar kwistjonijiet politiċi, ta' sigurtà, umanitarji u ta' żvilupp bil-għan li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-ispostament furzat; jitlob li tiġi ssodisfatta l-ħtieġa ta' sigurtà adegwata fil-kampijiet tar-rifuġjati, u jistieden lill-Gvern Kenjan isaħħaħ is-sigurtà fil-kamp ta' Kakuma u jsaħħaħ il-protezzjoni tar-rifuġjati, b'mod partikolari l-gruppi l-aktar vulnerabbli; jappella lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-fergħat l-oħra tal-gvern fil-Kenja jiżguraw li r-rifuġjati jkunu protetti u sikuri;

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

8. Jappella lill-Gvern Kenjan u lill-UNHCR jiżguraw l-implimentazzjoni tal-programm ta' ripatrijazzjoni f'konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali u mar-responsabbiltà domestika tal-Kenja; jinsisti li kwalunkwe proċess ta' ripatrijazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini jrid ikun volontarju, sikur, sostenibbli, dinjituż u bbażat fuq id-drittijiet, filwaqt li l-persuni rimpatrijati jkollhom aċċess għal informazzjoni oġġettiva, newtrali u pertinenti dwar x'se jiġri jekk jiddeċiedu li ma jivvolontarjawx;

9. Jesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni fil-Qarn tal-Afrika, b'mod partikolari rigward il-faqar u l-insigurtà tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni tirrilaxxa l-għajnuna umanitarja ta' emerġenza meħtieġa biex tlaħħaq mal-problema tar-rifuġjati u l-karestija fir-reġjun; jappella li l-għajnuna pprovduta mill-UE u mill-Istati Membri fil-Qarn tal-Afrika tintuża, bħala kwistjoni ta' prijorità, biex tindirizza l-vjolenza, inkluża l-vjolenza sesswali, u l-problemi marbuta mal-inugwaljanzi severi, il-faqar, il-malnutrizzjoni kronika, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u pubbliċi, b'mod partikolari l-kura tas-saħħa riproduttiva, u l-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;

10. Jistieden lill-UE tindirizza l-kwistjoni tal-insigurtà tal-ikel u n-nuqqas ta' ħtiġijiet bażiċi fil-kamp ta' Kakuma, inkluż, fost l-oħrajn, l-aċċess għall-ilma, is-sanità, il-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-elettriku mhux biss permezz ta' assistenza esklużiva għar-rifuġjati, iżda wkoll permezz tal-appoġġ tagħha għal programmi nazzjonali ta' żvilupp b'kapaċità garantita u vvalutata regolarment li jissodisfaw l-effikaċja tal-iżvilupp;

11. Jissottolinja li l-instabilità dejjem tikber fir-reġjun tirrappreżenta ostaklu għar-ritorn sikur tar-rifuġjati lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom; jistieden lill-UE, sabiex f'kollaborazzjoni mal-komunità internazzjonali tad-donaturi, tkompli żżid l-isforzi tagħha bħala sieħba medjatriċi u ta' appoġġ għall-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli u fit-tul fir-reġjun, biex b'hekk jinħoloq ambjent favorevoli u sikur għar-ritorni volontarji u għall-integrazzjoni mill-ġdid tar-rifuġjati;

12. Jappella għal sforzi akbar għall-protezzjoni tal-persuni LGBTIQ+ spostati bil-forza u għal solidarjetà akbar min-naħa tal-komunità internazzjonali fir-rispons għall-ħtiġijiet ta' risistemazzjoni madwar id-dinja, peress li dawn għadhom ferm akbar min-numru reali ta' spazji disponibbli;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni u l-ipprogrammar għall-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika u jitlob li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt speċifika li tkopri l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet tal-bniedem, bl-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta fil-ħin ir-riżultat ta' tali valutazzjoni tal-impatt lill-Parlament, inkluż fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar Strumenti ta' Finanzjament Estern tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp;

14. Jistieden lill-UE tkompli taħdem mill-qrib mal-Gvern Kenjan, mal-UNHCR u mal-komunità internazzjonali usa' sabiex tgħin biex jinstabu soluzzjonijiet għas-sitwazzjoni fit-tul tar-rifuġjati fir-reġjun; jistieden lill-UE ssaħħaħ id-difiża u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kenja;

15. Ifakkar li fl-Unjoni Ewropea, il-persekuzzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali hija meqjusa bħala kriterju għall-applikazzjoni għall-ażil u għall-għoti ta' ażil; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaderixxu ma' dan il-prinċipju; jistieden lill-UE, b'mod partikolari d-Delegazzjonijiet tal-UE u r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, biex b'mod effettiv jagħmlu użu sħiħ mis-Sett ta' Miżuri LGBTI u l-linji gwida li jakkumpanjawhom fid-djalogu tagħhom man-nazzjonijiet Afrikani kollha li għadhom jikkriminalizzaw l-omosesswalità u, b'mod aktar ġenerali, fid-djalogu tagħhom mal-pajjiżi kollha fejn il-persekuzzjoni jew il-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ+ hija mifruxa;

16. Jinsisti li d-Delegazzjoni tal-UE fil-Kenja tkompli timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tal-persuni vulnerabbli, b'mod aktar speċifiku l-persuni LGBTIQ+ u n-nisa Afrikani Suwed u tappoġġa b'mod attiv lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-persuni LGBTIQ+ fuq il-post;

17. Ihegġegħ lill-UE tkompli bl-isforzi tagħha biex tikkonvinċi kemm lill-Gvern Kenjan kif ukoll lill-Unjoni Afrikana biex jikkunsidraw mill-ġdid l-approċċ tagħhom dwar l-LGBTIQ+, filwaqt li jinnota li l-pożizzjoni tagħhom tista' b'xi mod jew ieħor tpoġġi lill-persuni LGBTIQ+ friskju ta' trattament inuman u degradanti li jmur kontra l-valuri tal-ugwaljanza u l-protezzjoni ugwali minquxa fil-liġi;

18. Ifakkar lill-awtoritajiet Kenjani dwar l-impenn tagħhom li jirrispettaw id-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni kif minqux fl-Artikolu 19 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-obbligi tagħhom li jiggarantixxi d-drittijiet fundamentali, kif previst fil-Karta Afrikana u strumenti internazzjonali u reġjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Ftehim ta' Cotonou u, b'mod speċifiku, l-Artikoli 8 u 96 tiegħu; ihegġegħ lill-Gvern Kenjan jiggarantixxi, fiċ-ċirkostanzi kollha, l-integrità fiżika u l-benessri psikoloġiku tar-rifuġjati kollha, irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tagħhom;

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

19. Jistieden lill-komunità internazzjonali tiggarantixxi li r-rifuġjati jkunu koperti mill-programmi ta' tilqim kontra l-COVID-19; jisħaq fuq il-fatt li r-rifuġjati jitħallew jibbenefikaw mis-servizzi nazzjonali u l-integrazzjoni tagħhom fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali hija essenzjali kemm għar-rifuġjati kif ukoll għall-komunitajiet li jospitawhom, u tikkonforma mal-wegħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

20. Itenni mill-ġdid li ma jista' jkun hemm l-ebda żvilupp mingħajr sigurtà mtejba fir-reġjun; jissottolinja bil-qawwa madankollu, li l-finanzjament irid ikun iddedikat għall-iżvilupp ekonomiku, uman u soċjali fir-reġjun, b'enfasi partikolari fuq l-isfidi ta' żvilupp identifikati fid-deċiżjoni dwar il-Fond Fiduċjarju; ifakkar li l-FEŻ u l-fondi tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) għandhom jintużaw esklużivament għall-oġġettivi ta' żvilupp;

21. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi allokat sehem sostanzjali tal-NDICI – Ewropa Globali lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi, inkluża l-Kenja, biex tingħata assistenza u għall-protezzjoni u l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-migranti; jistieden lill-UE tiżgura li parti sinifikanti tal-ipprogrammar permezz ta' dan l-istrument tiġi allokata għat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni internazzjonali għar-rifuġjati, b'mod partikolari fil-Kenja;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati, lill-Ispeaker tal-Parlament Kenjan, lill-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD), lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-IGAD, lill-Unjoni Afrikana, lill-Parlament Pan-Afrikan, u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.
